**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 73/2024/1**

**Ir-RepubbLika ta' Malta**

**vs.**

**Cristian Spiteri**

Illum it-tmienja (8) ta' Mejju 2025

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant **Cristian Spiteri**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 0395892(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli fl-erbatax (14) ta' Jannar tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) bejn it-tmienja ta' filgħodu (08:00) u d-disgħa ta' filgħodu (09:00) ġewwa l-fond bin-numru tmienja (8), Id-Dwejra, Triq il-Pepprin, Fgura u/jew fil-viċinanzi f'dawn il-Gżejjer:

1. mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, u ċioè

kkaġuna ferita ta' natura gravi fuq il-persuna ta' ommu u ċioè fuq il-persuna ta' Franca (Frances) Spiteri skont kif iċċertifika Dr. Gabriel Gauci (bin-numru tar-reġistrazzjoni 4590), u liema delitt sar meta l-persuna li fuqha seħħ id-delitt ġiet offiża fuq il-persuna, liema delitt sar fuq il-persuna ta' wieħed mill-ġenituri jew ta' axxendent ieħor leġittimu u naturali, u fuq il-persuna li tgħix fl-istess dar bħall-ħati; liema delitt wassal għal ħsara ħarxa fiżika jew psikoloġika għall-vittma;

2. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, ġab ruħu b'tali mod li ta fastidju lill-allegata vittma Franca (Frances) Spiteri, kif ukoll talli ġab ruħu b'mod li kien jaf jew messu kien jaf li ħa jkun ta' fastidju għad-detriment ta' l-allegata vittma Franca (Frances) Spiteri, liema delitt sar fuq il-persuna li tgħix fl-istess dar bħall-ħati; u liema delitt ikkawża offiża gravi fiżika fuq il-vittma;

3. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, ikkawża biża li ser tintuża vjolenza kontra l-persuna ta' Franca (Frances) Spiteri jew kontra l-proprjeta' tagħha, u liema delitt twettaq fuq il-vittma u ċioè fuq il-persuna ta' Franca (Frances) Spiteri li tgħix fl-istess dar bħall-ħati minn membru tal-familja li tgħix mal-vittma u liema delitt ikkawża offiża gravi fiżika fuq il-vittma;

4. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi ħebb kontra l-persuna ta' Franca (Frances) Spiteri sabiex jinġurjha, jdejjaqha jew jagħmillha ħsara, kemm il-darba dan il-fatt ma jkunx jaqa' taħt xi dispożizzjoni oħra tal-Kodiċi Kriminali.

Il-Qorti ġiet mitluba li toħroġ Ordni ta'Pprotezzjoni *ai termini* ta' Artikolu 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta waqt il-mori tal-kawża u f'każ ta' ħtija *ai termini* ta' Artikoli 382A, 383, 384 u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta favur il-vittma ossia favur Franca (Frances) Spiteri.

Finalment, il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex, f'każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skont il-liġi tordna lill-imputat iħallas l-

ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skont Artikolu 533(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-6 ta' Marzu 2025, fejn il-Qorti, wara li rat Artikoli 17, 31, 202(h)(iii)(v), 202(m), 214, 215, 216, 222(1)(a), 222A(7), 251A(1)(a)(b), 251(3), 251H(a)(h), 251HA, 339(1)(d) u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, filwaqt li ma sabitx lill-imputat ħati tat-tieni (2) u tat-tielet (3) imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u konsegwentement illiberatu minnhom, sabet lill-imputat ħati tal-ewwel (1) u tar-raba' (4) imputazzjoni b'dana illi qieset l-aħħar imputazzjoni bħala mezz għall-fini tal-ewwel (1) imputazzjoni u konsegwentement ikkundannatu għall-piena ta' sentejn (2) priġunerija illi bis-saħħa ta' Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ġew sospiżi għall-perjodu ta' erba' (4) snin minn dakinhar li ngħatat is-sentenza. Wara li l-Qorti rat Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, hija qiegħdet lill-imputat taħt Ordni ta' Trattament għal żmien erbgħa u għoxrin (24) xahar mid-data tas-sentenza u dan skont il-kundizzjonijiet annessi mal-istess sentenza. Fir-rigward tal-ispejjeż peritali inkorsi *ai termini* ta' Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti kkundannat lill-imputat għall-ħlas ta' tliet mija, tmienja u sebgħin Euro u disgħa u disgħin ċenteżmu (€378.99). Finalment, il-Qorti spjegat il-portata tas-sentenza lill-imputat u qieset li kien ikkonferma li fehem l-istess.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fil-21 ta' Marzu 2025 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"jogħġobha tvarja s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, tas-6 ta' Marzu 2025, per Maġistrat Lara Lanfranco u dan billi filwaqt li tikkonfermaha fejn ma sabitux ħati tat-tieni u t-tielet imputazzjoni, tħassar u tirrevokaha fejn sabitu ħati tal-ewwel u tar-raba' imputazzjoni, bl-assorbiment tar-raba akkuża fl-ewwel akkuża u tilliberah minn kull imputazzjoni ta' ħtija."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-Risposta tal-Avukat Ġenerali għar-Rikors tal-appell tal-appellant, liema Risposta ġiet ippreżentata fil-21 ta' April 2025.

Semgħet is-sottomissjonijiet finali bil-fomm.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar appell minn sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fis-6 ta' Marzu 2025.

Illi l-fatti ta' dan il-każ jirrigwardaw każ ta' vjolenza domestika fejn fl-14 ta' Jannar 2024 sar rapport mill-Pulizija tal-iSptar Mater Dei li l-*parte civile* Franca (Frances) Spiteri (li hija omm l-appellant) kienet tinsab l-isptar minħabba li l-appellant kien waddbilha xi misħun. Il-*parte civile* spjegat kif għal ħabta tat-8.30am l-appellant kien qiegħed jgħalli l-ilma għal għaġin waqt li hija kienet riesqa lejh sabiex tagħmel it-te. Jidher li l-appellant kien irrabjat u l-*parte civile* ppruvat tkellmu bil-kelma t-tajba. Jingħad li l-appellant sabbat il-borma u l-*parte civile* wissietu sabiex joqgħod attent minħabba li seta' jismotha. F'dak il-mument huwa reġa' sabbat il-borma u din id-darba waqqa' il-misħun fuq il-*parte civile*.

Illi fir-Rikors tal-appell tiegħu l-appellant iressaq żewġ aggravji li din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tistħarriġhom b'mod separat. Qabel din il-Qorti tgħaddi sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar dawn l-aggravji hija tfakkar li ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti sakemm din tkun waslet għall-konklużjoni tagħha legalment u raġonevolment. F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fil-31 ta' Lulju 2008 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Julian Genovese** (Numru 141/2008) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi l-ewwel tlitt aggravji jirrigwardaw l-apprezzament tal-provi traskritti li għamlet l-Ewwel Qorti. Issa hu prinċipju ormaj stabbilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti

(kemm fil-każ ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati kif ukoll fil-każ ta' appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha. Fi kliem ieħor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi eżerċitata mill-Ewwel Qorti, iżda tagħmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx raġjonevoli fil-konklużjoni tagħha. Jekk iżda din il-Qorti tasal għall-konklużjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setgħetx raġjonevolment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha, allura din tkun raġuni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konklużjoni."

Illi l-Qorti ser tgħaddi issa sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravji mressqa mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu.

**Ikkunsidrat**

Illi fl-ewwel aggravju tiegħu l-appellant jilmenta li ma jaqbilx mal-apprezzament tal-Ewwel Qorti fejn ikkonkludiet li mix-xhieda prodotti jirriżulta li hu kellu intenzjoni doluża hekk kif rikjest sabiex jinstab ħati. Jisħaq li se mai dan kien każ ta' *culpa* fis-sens li kien hemm *positive direct intent* jiġifieri aspett li jinkludi fih dak li huwa involontarju. Jgħid: *"L-Ewwel Qorti tat ħafna piż għall-fatt li wara l-akkadut, il-parte civile dehrilha li l-għemil tal-imputat kien intenzjonat għax tenna diskors fis-sens li "min jgħir għalih hekk jiġrilu"."* Jargumenta li dan mhux biżżejjed sabiex jiġi ppruvat li hu kellu l-intenzjoni jikkawża ġrieħi fuq ommu. Dwar din il-frażi jispjega li jista' jkun li din intqalet fis-saħna tal-mument.

Illi l-appellant jgħid ukoll: *"l-Ewwel Qorti għamlet aċċenn ukoll għall-fatt li l-partner tal-omm, ċertu Alfred Farrugia, tenna diskors fis-sens*

*"mela ġejt taqbeż għaliha?". Għall-Qorti, dan id-diskors kien jindika li l-appellant kellu intenzjoni pożittiva li jweġġa' lil ommu."* L-appellant jisħaq li din ix-xiehda hija waħda fortwita u mhux neċessarjament tindika dak li qalet il-Qorti.

Illi l-appellant jispjega li mill-għemil tiegħu weġġa huwa ukoll u għalhekk kieku verament ried iweġġa lil ommu faċilment seta' xeħet b'mod dirett il-misħun lejha. Jargumenta li l-ġrieħi sofferti mill-*parte civile* għandhom jiġu interpretati, fl-aħjar ipoteżi, bħala konsegwenza ta' incident sfortunat (*casus*) u, fl-agħar ipoteżi, bħala riżultat ta' *culpa.* Jisħaq li f'każ li din il-Qorti tikkonkludi li ma kienx hemm *dolus*, hija trid tilliberah mill-ewwel (1) imputazzjoni u ma tistax issibu ħati li huwa għamel ħsara jew ġrieħi fuq il-persuna ta' ommu b'mod involontarju.

Illi dwar l-aggravju in eżami din il-Qorti tibda billi tagħmel riferenza għan-Noti tal-Profs. Sir Anthony Mamo Notes on Criminal Law (First Year – Criminal Law), fejn huwa jispjega li l-element formali tar-reat jista' jieħu żewġ forom: dak tad-*dolus* u dak tal-*culpa.* B'mod partikolari jsemmi s-segwenti:

> "This 'mens rea' may assume one or other of two distinct forms, namely, wrongful intention (*dolus*), or culpable negligence (*culpa*). The offender may either have done the wrongful act on purpose, or may have done it carelessly, and in each case the mental attitude of the doer is such as to make punishment effective."

Illi dan il-ħsieb ġie wkoll suffragat minn dak li jgħid **Francesco Carrara** fil-ktieb tiegħu Corso fi Diritto Criminale – Programma – Parte Generale (4th. Edition) fejn qal hekk:

> "Meglio sembra poter servire a graduare la colpa la distinzione fra chi nulla affatto pensò al tristo evento (lo che i Romani dissero *culpa ex ignorantia*) e chi vi portò il pensiero, ma previde che *non sarebbe avvenuto* (lo che i Romani dissero *culpa ex lascivia*). Un giovine sta per esplodere contro una fiera; il suo compagno lo avverte

> che ad una distanza vi è un uomo: ti par egli (risponde il primo) è impossibile che il piombo arrivi laggiù mai; ed esplode, ed il piombo giunge a ferire. Costui non è in *dolo*, perchè ha *preveduto* come cosa certa di *non ferire*: ma la sua colpa è più grave che non sarebbe quella di chi niente avesse veduto quell'uomo. Queste regole si sentono in pratica, ma difficilmente si riducono a formule assolute di dottrina."

Illi fir-rigward tal-element tal-*mens rea*, din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fis-16 ta' Mejju 2023 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Nicholas Farrugia** (Numru 97/2020) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "29. Kwantu għall-*mens rea* rikjest, fil-każ ta' offiżi fuq il-persuna, trid tirriżulta l-*animus nocendi* u ċjoè l-**<u>intenzjoni ġenerika</u>** li l-awtur tar-reat jikkawża ħsara fil-ġisem ta' ħaddieħor jew fis-saħħa ta' dik il-persuna jew li jġib diżordni f'moħħha bl-azzjoni volontarja tiegħu.
>
> 30. Fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Emanuel Zammit** deċiż nhar it-30 ta' Marzu 1998 fuq l-intenzjoni rikjesta għal fini tar-reat ta' offiża volontarja fuq il-persuna intqal hekk:
>
>> "Fil-liġi tagħna, għall-fini tar-reat ta' offiża volontarja fuq il-persuna, hi meħtieġa l-intenzjoni ġenerika li wieħed jagħmel ħsara. Jekk l-intenzjoni ta' l-agent tkun li jagħmel ħsara, żgħira kemm hi żgħira dik il-ħsara li jkollu f'mohhu li jagħmel, hu jrid iwieġeb għal konsegwenzi kollha li effettivament jirriżultaw bħala konsegwenza diretta ta' l-għemil tiegħu. Dawk il-konsegwenzi jistgħu jkunu gravi (artikolu 216), gravissimi (artikolu 218) jew addirittura l-mewt (artikolu 220). Bi ħsara wieħed jifhem anke s-sempliċi sensazzjoni ta' uġigħ li tiġi minn daqqa mingħajr il-ħtieġa ta'

leżjoni fit-tessuti. L-artikolu 214 tal-Kap. 9, meta jitkellem dwar "...ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' persuna...jew diżordni f'moħħha..." isegwi kelma b'kelma d-disposizzjoni ta' l-artikolu 372 tal-Codice Zanardelli:

*"Chiunque, senza fine di uccidere, cagiona ad alcuno un danno nel corpo o nella salute o una perturbazione di mente, e' punito…""*

31. Huma wkoll diversi s-sentenzi tal-Qrati Maltin li jagħmlu referenza għall-insenjamenti tal-Professur Mamo, fosthom[1] l-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Eric Sciberras Balbi** deċiż nhar it-28 ta' Marzu 2019 fejn dik il-Qorti ċċitat silta mill-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Noel Degiorgio:**

"Fil-ktieb tiegħu, Notes on Criminal Law, il-Professur Anthony J. Mamo jgħid hekk: "To constitute the crime of wilful bodily harm, the injury must have been caused intentionally. But the intention required is merely "animus nocendi", the generic intent to cause harm, without requiring necessarily an actual intention to do the particular kind of bodily harm which, in fact, ensues. In other words, it is not essential that the intention was to produce the full degree of harm that has actually been inflicted. ... … Therefore, in the case of bodily harm, if the intent of the doer is to injure, he will answer for the harm actually caused, in application of the principle *"dolus indeterminatus determinatur ab exitu"*.

[1] "Ara wkoll **Il-Pulizija vs. Shirley Calleja** deċiża nhar l-4 ta' Ottubru 2016, Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, **The Police vs. Chinonso Jude Okeakpu** deċiża nhar it-2 ta' Ottubru 2013, **Il-Pulizija vs. Sandro (Alexander) Chetcuti** deċiża nhar it-18 ta' Settembru 2013 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali."

32. Illi għalhekk sabiex jiġi integrat ir-reat ta' offiża volontarja fuq il-persuna huwa suffiċjenti li jiġi ppruvat – mingħajr dubju dettat mir-raġuni – li meta l-awtur tar-reat ikun aġixxa bl-azzjoni leżiva tiegħu, l-intenzjoni tiegħu f'dak il-mument kienet dik li jikkawża offiża – ħsara lil persuna oħra – **mingħajr il-ħtieġa li jiġi ppruvat li jkun ried il-grad ta' ħsara li effettivament jirriżulta** u dan peress li l-awtur tar-reat ikun irid li jagħmel tajjeb għall-ħsara effettivament kaġunata u l-konsegwenzi li jitnisslu mill-għemil illegali tiegħu.

33. Fil-kamp tal-leżjonijiet personali – kemm dawk li jeħtieġ intenzjoni ġenerika li ssir ħsara, kemm dawk li jirrikjedu intenzjoni speċifika – din l-intenzjoni tista' tiġi deżunta min-numru ta' fatturi, inkluż miċ-ċirkostanzi li jikkaratterizzaw il-mument ta' qabel, waqt u wara t-twettiq tal-att leżiv, jekk tkunx intużat xi forma ta' mezz estraneju għall-ġisem tal-awtur tar-reat jew xi arma, u f'każ affermattiv, x'tip ta' arma intużat mill-awtur tar-reat biex jitwettaq l-att leżiv, f'liema parti tal-ġisem ikun immanifesta ruħu l-att leżiv, jekk ikunx intqal xi kliem mill-awtur tar-reat fil-waqt tal-kommissjoni tar-reat, eċċetra. […]

35. Allura meta l-awtur tar-reat ikun ifforma intenzjoni ġenerika li jikkawża xi ħsara fuq il-persuna tal-vittma tiegħu, u effettivament iwettaq l-att u jikkawża ħsara fuq il-persuna tal-vittma tiegħu, mhux meħtieġ għall-Prosekuzzjoni li tipprova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li l-awtur tar-reat kellu wkoll l-intenzjoni li jikkaġuna **dik il-ħsara partikolari fil-ġisem tal-vittma li tkun irriżultat b'konsegwenza tal-azzjoni tiegħu** u dan peress li mhux meħtieġ għall-Prosekuzzjoni li tipprova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li l-intenzjoni tal-awtur tar-reat kienet preċiżament li jikkaġuna **dik** il-ħsara kollha li tkun tirriżulta sofferta mill-vittma. Ġaladarba jkun pruvat li l-awtur tar-reat kellu intenzjoni ġenerika li jikkaġuna offiża fuq il-persuna tal-vittma,

> huwa jkun imbagħad irid iġorr il-konsegwenzi ta' għemilu skont kif jirriżultaw mill-ħsara fuq il-ġisem tal-vittma kaġunata minnu."

Illi filwaqt li din il-Qorti taqbel ma' dak li ġie ċitat hawn fuq peress li taqbel miegħu, hija tinnota li ser tapplikah għal każ li għandha quddiemha. Mix-xiehda mogħtija quddiem l-Ewwel Qorti mill-*parte civile* Franca (Frances) Spiteri (*a fol.* 35a *et seq.*) jirriżulta ferm ċar li fil-fehma tagħha l-appellant wettaq l-azzjoni in kwistjoni apposta. Din il-Qorti tagħmel riferenza partikolari għat-traskrizzjoni tad-depożizzjoni mogħtija mill-*parte civile* quddiem l-Ewwel Qorti minn liema jirriżulta s-segwenti (*a fol.* 35k):

> "Av: Kemm inti ċerta jekk Cristian it-tifel tiegħek għamilx l-azzjoni apposta jew jekk kienx inċident sfortunat inti kont ħdejh, inti kont qed tarah dak il-ħin, qed ngħidu ma kienx hemm argumenti jiġifieri hemm diskussjoni normali.
>
> Xhud: Minix ċerta.
>
> Av: Mintix ċerta?
>
> Xhud: Għax kieku kienet aċċident kien jgħid *"ilallu arhemm waqatli"*, ma kienx qal hekk ma nafx saqsi lilu."

Illi l-frażi li huwa rappurtat li l-appellant qal lil ommu wara l-inċident u ċioè "li min jgħir għalih hekk jiġrilu" turi intenzjoni ċara tal-appellant. Għalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti tirriżulta ppruvata l-intenzjoni ġenerika tal-appellant li jagħmel ħsara lil ommu.

Illi meħud in konsiderazzjoni dak kollu li ngħad hawn fuq fir-rigward tal-aggravju in eżami jirriżulta li l-Ewwel Qorti setgħet raġonevolment tasal għal konklużjoni li waslet għaliha bil-konsegwenza li l-aggravju in eżami qed jiġi miċħud.

**Ikkunsidrat**

Illi fit-<u>tieni aggravju</u> tiegħu l-appellant jargumenta li mill-provi jirriżulta li l-*parte civile* ma sofriet l-ebda ġrieħi ta' natura gravi minħabba li l-ġrieħi li sofriet ma ġabu l-ebda waħda mill-konsegwenzi taħt Artikolu 216(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Jisħaq li għalhekk l-Ewwel Qorti ma setgħetx issibu ħati taħt l-Artikolu msemmi. Jgħid li l-Ewwel Qorti rrimarkat li l-Artikolu in kwistjoni jfisser li mhux neċessarju li jiġi ppruvat li l-*parte civile* soffriet il-konsegwenzi msemmija fl-istess Artikolu. L-appellant jargumenta li sabiex jissussisti r-reat in kwistjoni, għandu jiġi pruvat, permezz ta' xiehda ta' nies fil-professjoni medika jew esperti tekniċi, li dak li ġara kellu l-konsegwenzi ta' dak li jipprovdi Artikolu 216(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Jisħaq li bl-ebda mod ma ġie pruvat li l-*parte civile* kienet f'periklu li setgħet titlef ħajjitha, li sofriet debbulizza permanenti fis-saħħa, jew xi difett permanenti fl-għamla fil-ġisem jew xi marda permanenti tal-moħħ. Jargumenta li bir-raġunament tal-Ewwel Qorti lanqas ikun hemm bżonn li jkollok ir-reat tat-tentattiv tal-ferita gravi għax kull tentattiv jista' jwassal għall-konsegwenzi msemmija u allura jkollok ir-reat konsmat mal-ewwel.

Illi din il-Qorti tibda billi tagħmel riferenza għar-rapport (Dok. "EC" – *a fol.* 178 *et seq.*) redatt mill-espert Dr. Edward Basile Cherubino fejn dwar il-feriti riskontrati fuq il-*parte civile* jikkonkludi s-segwenti (*a fol.* 198):

> "Illi l-esponenti jista' jikkonkludi li l-vittma sofriet minn ġrieħi ta' natura gravi, b'*total body surface area of 7% burns according to the Wallace Rule of Nines,* b'ċikatriċi permanenti fuq il-ġisem, li madankollu huma f'żoni tal-ġisem li huma koperti mill-ħwejjeġ."

Illi għandu jingħad ukoll li waqt ix-xiehda mogħtija mill-istess Dr. Cherubino quddiem l-Ewwel Qorti (*a fol.* 177a *et seq.*) huwa jikkonferma li l-marki fuq il-persuna tal-*parte civile* huma permanenti. Minbarra dan, mill-aħħar paġna tal-kopja tal-file mediku tal-*parte civile* fl-iSptar Mater Dei (Dok. "IZY" – *a fol.* 233) jirriżulta li fit-30 ta' Jannar 2024 il-*parte civile* kienet għadha ma setgħetx timxi bil-liberta'.

Illi minn qari tas-sentenza appellata jirriżulta li l-Ewwel Qorti sabet ħtija taħt Artikolu 216(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. F'dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel riferenza għal Artikolu 216(2) tal-Kapitolu msemmi li jaqra hekk:

> "Jekk il-persuna offiża tfieq mingħajr ma kienet qatt matul il-marda, f'periklu attwali tal-ħajja jew tal-konsegwenzi msemmijin fis-subartikolu (1)(a), jitqies li l-offiża setgħat iġġib dak il-periklu fil-każ biss illi dan il-periklu kien probabbli minħabba n-natura jew il-konsegwenzi naturali tal-offiża."

Illi marbut ma' dan din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fit-8 ta' Jannar 2024 fl-ismijiet **Il-Pulizja vs. Luca Andrea Cutajar** (Numru 369/2021) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "L-Artikolu 216(2) tal-Kodiċi Kriminali huwa wkoll ċar in kwantu jikklassifika dik il-ferita bħala gravi u punibbli taħt l-ewwel subinċiż anki jekk il-persuna offiża tfiq mingħajr ma kienet qatt matul il-marda, f'perikolu attwali ta' ħajja jew tal-konsegwenzi msemmija fis-subinċiż numru wieħed tal-istess."

Illi għalhekk applikat dak li ġie ċitat hawn fuq għal każ li għandha quddiemha din il-Qorti, l-Ewwel Qorti kienet korretta meta kkunsidrat li għal finijiet ta' Artikolu 216 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta kien biżżejjed li jiġi ppruvat il-potenzjalita' tal-permanenza. Magħdud ma' dan fil-fehma ta' din il-Qorti l-fatt li sa ġimgħatejn wara l-inċident il-*parte civile* kienet għadha mhux f'kundizzjoni li timxi juri li potenzjalment seta' kien hemm il-periklu ta' debbulizza permanenti f'parti tal-ġisem tagħha.

Illi rigward l-argument imressaq mill-appellant dwar id-distinzjoni bejn il-konsumazzjoni tar-reat u l-attentat, din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza kkwotata aktar 'il fuq fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Nicholas Farrugia** (Numru 97/2020), fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet is-segwenti:

"42. Illi tali dottrina u ġurisprudenza teħtieġ lil Qrati ta' Ġustizzja Kriminali li fil-każ ta' prosekuzzjoni ta' tentattiv ta' offiża gravi, jagħmlu analiżi akkurata taċ-ċirkostanzi partikolari, immedjatament qabel, waqt u wara l-azzjoni leżiva magħmula mill-awtur tar-reat sabiex minn hemmhekk imbagħad il-Qrati jkunu jistgħu jaraw jekk u safejn ikun jista' jiġi deżunt liema minn dawk ix-xenarji li jikkontempla l-Artikolu 216 tal-Kodiċi Kriminali l-istess awtur tar-reat **kellu f'moħħu li jikkawża**.

[...]

45. Għaldaqstant għal dak li jirrigwarda t-**tentattiv** tar-reat ippotizzat fl-Artikolu 216 tal-Kodiċi Kriminali, ma jibqax biżżejjed li l-Prosekuzzjoni tipprova sempliċement intenzjoni ġenerika li l-aġent tar-reat ried jikkawża ħsara fil-persuna ta' ħaddieħor **iżda** jeħtieġ li jiġi ppruvat sal-grad rikjest mil-Liġi li l-aġent tar-reat kellu **intenzjoni speċifika fil-mument li wettaq l-offiża fuq il-persuna huwa ried li jġib waħda mill-konsegwenzi li tikkontempla l-Liġi**."

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti meta jiġi applikat dak li ġie ċitat hawn fuq għal każ in eżami jirriżulta li l-appellant ried jikkawża l-ħsara lil ommu u, kif diġa' indikat preċedentement, dan jirriżulta b'mod l-aktar ċar minn kliem l-appellant wara l-inċident meta qal li "dak huwa li jiġri lil min jgħir għalih". Fil-fehma ta' din il-Qorti dan juri rieda ta' tpattija tal-appellant għal xi tort li f'moħħu ommu kienet ħatja tiegħu. Għalhekk jirriżulta b'mod ċar li dan mhux każ ta' attentat iżda huwa każ fejn l-appellant ried iwettaq l-għemil tiegħu. Għaldaqstant anke l-aggravju in eżami qed jiġi miċħud ukoll.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellant Cristian Spiteri u tikkonferma s-

sentenza appellata fl-intier tagħha b'dan illi kwalunkwe terminu imsemmi fid-*decide* tas-sentenza appellata jibda jgħaddi mil-lum.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**